# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 5 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1109/11/1 JRM**

**Angelo Abela, Grazio *sive* Horace Abela, Emanuel Abela, Francis Abela, Ċensina Desira, Catherine Calleja u Salvina Bonnici**

**v.**

**George Abela u Paul Abela**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn erbgħa mill-atturi *i.e.* Angelo Abela, Grazio *sive* Horace Abela, Emanuel Abela u Salvina Bonniċi minn: (i) digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Awwissu, 2014 fejn ċaħdet it-talba tal-atturi għall-ħatra ta' espert kalligrafu; u (ii) mid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-15 ta' Novembru, 2018 li

permezz tagħha ċaħdet it-talbiet attriċi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fl-10 ta' Novembru, 2011, l-atturi jgħidu li fit-23 ta' April, 2011 miet Carmelo Abela, għażeb bla tfal, li kien il-prim kuġin tal-partijiet fil-kawża li huma lkoll aħwa. Irriżulta li Carmelo Abela għamel testment pubbliku nhar l-4 ta' April, 2011 quddiem in-Nutar Joseph Smith La Rosa, u ħalla l-ġid kollu tiegħu lill-konvenuti bħala eredi universali tiegħu. Mir-riċerki testamentarji rriżulta li dan kien l-uniku testment li kuġinuhom għamel f'ħajtu. Isostnu illi li kieku Carmelo Abela miet intestat il-ġid tiegħu kien jaqa' fuqhom u fuq il-konvenuti u xi qraba oħra tagħhom f'sehem indaqs bejniethom.

3. L-atturi jisħqu li t-testment ta' Carmelo Abela huwa null u bla effett għar-raġunijiet li se jissemmew: (i) li huwa ma kienx kapaċi jiddisponi minn ġidu b'testment billi bl-aġir tiegħu matul ħajtu, wera biċ-ċar li ma kellux il-kapaċitajiet mentali meħtieġa għal dan il-għan; (ii) li fiż-żmien li sar it-testment, Carmelo Abela kien wasal fl-aħħar ta' ħajtu, u kien qiegħed ibati minn mard serju ħafna, tant li kien qiegħed jiġi kkurat b'mediċina qawwija li kienet qiegħda tkompli tgħarraqlu l-fakultajiet mentali tiegħu; (iii) li ċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Rizzo Naudi mhux siewi billi ma jindika b'ebda mod x'eżamijiet mediċi u x'testijiet saru li setgħu

wasslu għall-konklużjoni li Carmelo Abela seta' jwettaq l-obbligazzjonijiet legali tiegħu u li jagħmel testment; (iv) li t-testment sar ftit taż-żmien wara li l-istess testatur kien inħareġ mill-isptar Mater Dei u ftit taż-żmien wara li ddaħħal fl-Isptar Boffa fejn miet jiem wara u sar fir-residenza tal-konvenut Paul Abela; (v) li mill-anqas waħda mix-xhieda preżenti għat-testment kellha u għad għandha interess fil-kontenut tiegħu, peress li hija u l-werriet Paul Abela huma nanniet tal-istess neputi, u b'hekk tirriżulta qrubija familjari bejn ix-xhud u wieħed mill-eredi; u (vi) li meqjusa dawn iċ-ċirkostanzi jidher li fuq is-sodda tal-mewt tiegħu Carmelo Abela kellu pressjoni psikoloġika mill-konvenuti jew minn xi ħadd minnhom, jew saħansitra minn terzi li seta' kellhom xi interess sabiex iħalli ġidu lit-tnejn biss mill-kuġini tiegħu, a skapitu tal-kuġini kollha l-oħra tiegħu. Isostnu li għalkemm il-konvenuti ġew interpellati dwar dan kollu, huma jopponu l-pretensjonijiet tal-atturi u jinsistu fuq il-validità tat-testment.

4. L-atturi appellanti għaldaqstant fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *"1.Tiddikjara li t-testment magħmul minn Carmelo Abela (ID 625037M), fl-4 ta' April 2011 quddiem in-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa huwa null u bla ebda effett fil-liġi;*
>
> *2. Tiddikjara li Carmelo Abela (ID 625037M) miet bla ebda testament validu fil-liġi u b'hekk is-suċċessjoni tiegħu għandha tiġi regolata skont id-dispożizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq is-suċċessjoni 'ab intestato';*
>
> *3. Tiddikjara li l-intimati George Abela (ID 64958M) u Paul Abela (ID 546160M) mhumiex l-eredi universali ta' Carmelo Abela (ID 625037M) f'ishma ndaqs u ugwali bejniethom;*

*4. Tiddikjara li kwalsiasi atti magħmula mill-intimati a bażi tat-testment tal-4 ta' April huma nulli u bla effett, u kwindi l-patrimonju ta' Carmelo Abela (ID 625037M) għandu jerġa' jitpoġġa fl-istat li kien fid-data tal-mewt tiegħu li seħħet fit-23 ta' April 2011.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati li huma minn issa inġunti in subizzjoni".*

5. Il-konvenuti George u Paul Abela ressqu risposta maħlufa fit-12 ta' Diċembru, 2011 u fiha qalu hekk:

*"1. Illi fl-ewwel lok id-defunt Carmelo Abela kien pjenament kapaċi sabiex jersaq għat-testment datat 4 ta' April, 2011 redatt quddiem in-Nutar Dottor Joseph Smith La Rosa, u tali testment huwa validu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.*

*2. Illi in segwitu, it-tieni, it-tielet, u r-raba' talbiet tal-atturi kif premessi fir-rikors ġuramentat promotur huma ġuridikament insostenibbli.*

*3. Illi d-defunt Carmelo Abela miet ġuvni u mingħajr tfal, u kien fil-kapaċitajiet pjeni mentali tiegħu li jiddisponi minn ġidu kif jidhirlu xieraq l-istess defunt.*

*4. Illi di più u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti kienu l-uniċi persuni li dejjem ħadu ħsieb lid-defunt tul il-ħajja tiegħu.*

*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

*6. Bl-ispejjeż".*

6. Fid-deċiżjoni tagħha tal-15 ta' Novembru, 2018 l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi sabiex jitħassar it-testment pubbliku magħmul minn Carmelo Abela minħabba inkapaċità mentali, bl-ispejjeż kontra tagħhom.

7. Ir-raġunijiet tal-Ewwel Qorti li wasluha biex iddeċidiet hekk kienu dawn:

*"Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' testment pubbliku minħabba l-inkapaċità mentali ta' min għamlu. L-atturi jgħidu li l-uniku testment li għamel kuġinuhom Carmelo Abela ma jiswiex għaliex, dakinhar li għamlu, ma kienx f'qagħda mentali li jista' jagħmel testment. Iridu li l-Qorti ssib li t-testatur kien tabilħaqq mhux f'qagħda li jagħmel testment u għalhekk issib li t-testment imsemmi ma jiswiex u jmissu jitħassar. Iridu wkoll li l-Qorti taqtagħha li l-wirt ta' Carmelo Abela jinfetaħ bħallikieku dan miet mingħajr testment u li tħassar dak kollu li l-imħarrkin għamlu fuq is-saħħa ta' dak it-testment minn mindu miet Carmelo Abela;*

*Illi l-imħarrkin iwarrbu il-pretensjonijiet tal-atturi billi jiċħdu x-xiljiet tagħhom u jgħidu li t-testatur kien kapaċi jidher fuq testment u jaf x'qed jagħmel. Jgħidu wkoll li, wara kollox, huma kienu l-qraba waħdanin li ħadu ħsieb lit-testatur tul ħajtu u li minħabba li kien għażeb seta' jiddisponi kif jogħġbu mill-ġid tiegħu għal wara mewtu;*

*Illi mill-<u>fatti li jirriżultaw mill-atti</u> joħroġ li l-partijiet huma lkoll kuġini tat-testatur Carmelo Abela. Huwa kien għażeb, u jgħix waħdu ġewwa fond fiż-Żejtun*[1]*. Sa qabel ma ħareġ bil-pensjoni kien jaħdem*[2]*, jagħmel faċendi fid-dar*[3]*, u jgħix ħajja soċjali fir-raħal*[4]*. Huwa kellu wkoll il-fakoltà li jivvota*[5]*;*

*Illi jirriżulta li Carmelo Abela kien ibati minn dipressjoni u kien jieħu kura għaliha*[6]*. F'Marzu tal-2011, Carmelo Abela ddaħħal l-isptar minn fejn irriżulta li kien marid serjament. Ir-rapport mediku jixhed li, minkejja dan, kien f'sensih u jaf x'inhu jiġri madwaru*[7]*. Wara ftit jiem l-isptar, huwa ħareġ u mar joqgħod fid-dar ta' kuġinuh, l-imħarrek Paul Abela;*

*Illi fl-4 ta' April, 2011, Carmelo Abela għamel testment fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Smith La Rosa*[8]*, fejn ħalla bħala werrieta universali ta' ġidu f'ishma ndaqs liż-żewġ kuġini tiegħu l-imħarrkin Paul Abela u George Abela. It-testment sar fid-dar tal-imħarrek Paul Abela. Dakinhar li għamel it-testment, it-testatur kellu tlieta u sebgħin (73) sena;*

*Illi fi kliem in-Nutar Smith La Rosa, kien Paul Abela li talbu jassisti lit-testatur fit-testment. Jgħid ukoll li meta żar lit-testatur, sabu fis-sodda*[9]*. Bħala xhieda fuq it-testment dehru persuni li kienu jafu lill Paul Abela*[10]*, u li George u Paul Abela kienu fl-istess dar fil-ħin li sar it-testment, għalkemm mhux fl-istess ambjenti*[11]*. Jirriżulta wkoll li, tlett ijiem qabel,*

[1] Ara paġ. 712 tal-proċess.
[2] Ara paġ. 234 u 729 tal-proċess.
[3] Ara paġ. 712 tal-proċess.
[4] Ara paġ. 230 tal-proċess.
[5] Ara paġ. 803 u 811 tal-proċess.
[6] Ara rapport mediku f'paġ. 556 tal-proċess.
[7] *Ibid.*
[8] Dok. "JSR" f'paġ. 42 – 3 tal-proċess.
[9] Ara x-xhieda tan-Nutar Smith La Rosa f'paġġ. 45 – 7 tal-proċess.
[10] Ara paġ. 48A u paġ. 243 tal-proċess.
[11] Ara paġ. 49 tal-proċess. Ara wkoll paġ. 663 – 4 tal-proċess.

*it-tabib Rizzo Naudi iċċertifika li Carmelo Abela kien f'qagħda li jagħmel testment[12];*

*Illi l-imħarrkin jistqarru li kienu jafu bil-kontenut tat-testment matul iż-żmien li t-testatur kien għadu ħaj għaliex kien it-testatur innifsu li, żmien qabel, qalilhom li ser iħalli ġidu lilhom[13];*

*Illi fl-istess jum tal-4 ta' April, 2011, filgħodu, Carmelo Abela mar ma' kuġinuh, l-imħarrek George Abela, il-Labour Office taż-Żejtun u quddiem uffiċjal, ħatar lill-istess imħarrek bħala prokuratur tiegħu sabiex jidher f'ismu għall-fini ta' benefiċċji soċjali li kien intitolat għalihom[14];*

*Illi aktar tard fix-xahar ta' April, 2011, Carmelo Abela iddaħħal l-isptar Boffa[15] u baqa' hemm sakemm miet fit-23 ta' April, 2011[16]. It-tobba jistqarru li, fiż-żmien li kien rikoverat hemm, kien diżorjentat u ma kienx jaf l-ambjenti ta' madwaru[17];*

*Illi xi jiem wara l-mewt ta' Carmelo Abela, l-attur Angelo Abela sar jaf mingħand l-imħarrek Paul Abela, li Carmelo kien ħatar lill-imħarrkin bħala werrieta universali tiegħu. L-attur Angelo Abela jgħid li sogħob bih li ġara hekk għaliex hu kien iġibu lil kuġinuh Carmelo. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin Paul u George jgħidu li, għal numru ta' snin, Carmelo lilhom biss sab;*

*Illi fl-10 ta' Novembru, 2011, l-atturi fetħu din il-kawża;*

*Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwestjoni fil-mertu. Il-<u>konsiderazzjonijiet ta' natural legali</u> huma marbutin mal-għemil tat-testatur fiż-żmien meta resaq biex jagħmel testment, li l-atturi qegħdin jattakkaw għaliex jgħidu li ma kienx jinsab f'qagħda li jista' jagħmel dak it-testment minn rajh. L-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq żewġ possibilitajiet. L-ewwel, li t-testatur kienet persuna sempliċi u għaldaqstant ma kienx f'qagħda li jagħmel testment. It-tieni, li ġie mġiegħel jagħmel it-testment fil-ftit tal-jiem li żammu f'daru Paul Abela u meta kien deher li t-testatur kien milqut minn marda serja. Min-naħa l-oħra, l-imħarrkin jiċħdu dan kollu u jgħidu li t-testatur kien kapaċi jidher fuq testment, u li huma kienu l-unika qraba li ħadu ħsiebu tul ħajtu;*

*Illi xieraq jingħad minnufih li l-biċċa l-kbira tal-kwestjoni hija waħda ta' min mill-partijiet qiegħed jagħti verżjoni li għandha titwemmen u li din il-Qorti jmissha toqgħod fuqha. Dwar dan l-aspett, il-Qorti tifhem li, fil-kamp ċivili, il-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli. Jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża*

[12] Dok. "A" anness ma' Dok. "JSR" f'paġ. 44 tal-proċess.
[13] Ara paġ. 241 tal-proċess, paġġ. 247 – 8 tal-proċess, u paġġ. 664 – 5 tal-proċess.
[14] Ara paġ. 884 u paġġ. 888 – 9 tal-proċess.
[15] Ara paġ. 665 tal-proċess.
[16] Dok. "A" f'paġ. 6 tal-proċess.
[17] Ara paġ. 688 tal-proċess.

*għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka[18]. Madankollu, il-fatt waħdu li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[19]. Huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[20], u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[21];*

*Illi huwa miżmum li fil-każ fejn iż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li onus incumbit ei qui dixit[22] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li actore non probante reus absolvitur[23] . Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[24] bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[25];*

*Illi dak li jgħodd f'kawża mhuwiex l-għadd tax-xhieda mressqa għaliex "il-fatt li xhieda jkunu ġew prodotti minn parti partikolari f'kawża ... ċertament ma jfissirx li l-Qorti hija marbuta li temmen b'għajnejha magħluqa, jew li temmen aktar, dak kollu li dawn ix-xhieda jgħidu 'favur' il-parti. Fuq kollox, ix-xhud ma jiġix prodott biex jixhed 'favur' parti jew 'kontra' oħra, imma jiġi prodott biex jgħid il-verità, il-verità kollha, u xejn anqas minn dik il-verità kollha"[26];*

*Illi l-Qorti tqis li, iżda, bħalma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet u ta' dawk li setgħu kienu nvoluti magħhom ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-Qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha*

---

[18] App. Inf. JSP 12.1.2001 fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et v. Raymond Merċieca.***
[19] App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil.***
[20] Art. 562 tal-Kap 12.
[21] Art. 559 tal-Kap 12.
[22] P.A. NC 28.4.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et v. William Rizzo et.***
[23] P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe v. Air Supplies & Catering Co Ltd.***
[24] Maġ. (Għ) AE 18.4.2007 fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri v. Michael Calleja (mhix appellata).***
[25] App. Inf. 9.1.2008 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et v. Victor Calleja et.***
[26] App. Ċiv. 19.6.2006 fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar v. David Curmi et.***

*bħala l-vittma u l-parti l-oħra bħala l-ħatja jew l-aktar 'giddieba' u dan jgħodd ukoll għall-verżjonijiet li jagħtu dawk il-persuni l-oħrajn li jkunu b'xi mod involuti fil-ġrajjiet li jsawru l-każ. Huwa d-dmir tal-Qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet[27];*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha dawn l-elementi kollha joħorġu b'mod qawwi. Hemm il-verżjoni tal-atturi li trid turi li t-testatur kien persuna sempliċi u li ġie manipulat fil-mument l-aktar dgħajjef ta' ħajtu. Hemm il-verżjoni tal-imħarrkin, li jisħqu li t-testatur għex ħajja indipendenti u b'ġidu seta' jagħmel li jrid. Jisħqu li huma wrew rispett lejh tul ħajtu u saħansitra anke meta marad serjament. Hemm imbagħad il-verżjonijiet tat-terzi: tobba, qraba, persuni li kienu jafu lit-testatur, u n-nutar li ppubblika t-testment;*

*Illi din il-ġabra kbira ta' xhieda mogħtija trid titqies ukoll fil-qafas ta' provi dokumentali li nġabu minn tagħrif miżmum fl-Isptar u minn aġenziji li ntalbu jagħtu s-servizz tagħhom lit-testatur fi żminijiet mifruxa matul l-aħħar snin ta' ħajtu;*

*Illi f'dan il-każ, dawn il-prinċipji jridu jinqraw u jinftehmu fil-qafas tal-prinċipji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna fil-każi ta' impunjazzjoni ta' atti testamentarji minħabba l-allegata inkapaċità mentali tat-testatur. Tajjeb ukoll li wieħed jisħaq li l-eżami jrid isir b'riferenza għall-waqt li fih kien qiegħed isir it-testment impunjat[28] u li l-fatt magħruf li t-testatur seta' kien ibati minn xi kundizzjoni jew qagħda li tista' taffettwalu l-kundizzjoni ta' moħħu mhijiex determinanti biex b'hekk biss tipprova li, meta sar it-testment, dak it-testatur ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel jew x'qiegħed isir[29];-+*

*Illi rigward l-istat mentali tat-testatur, huwa stabbilit li (a) il-kapaċità hija r-regola u l-inkapaċità hija l-eċċezzjoni[30]. Għalhekk il-preżunzjoni 'juris tantum' hija favur il-kapaċità li persuna tagħmel testment, u l-kuntrarju jrid ikun ippruvat kif imiss[31]. Dan kien is-sies tal-prinċipju tal-favor testamenti li huwa wieħed mill-ewlenin fil-qasam tat-tifsir u t-tħaddim tat-testmenti bħala xhieda tal-aħħar rieda ta' min ikun għamilhom. Ingħad li kemm jista' jkun, it-testment kellu jiġi meqjus bħala validu, pjuttost milli null: potius ut valeat quam ut pereat. Għalhekk it-testatur għandu jitqies li għamel it-testment bir-rieda ħielsa tiegħu u b'hekk kwalunkwe allegazzjoni dwar is-siwi tat-testment titlob li tkun ippruvata b'mod xieraq minn min iqanqal id-dubju dwar is-siwi ta' dak l-att. Fit-tieni lok, (b) tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li, fi*

---

[27] P.A. PS 28.4.2003 fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea v. Ġużeppi Galea (mhix appellata).***

[28] App. Ċiv. 18.7.2017 fil-kawża fl-ismijiet ***Anton Ellul et v. Maria Busuttil et.***

[29] App. Ċiv. 2.3.2018 fil-kawża fl-ismijiet ***Lorenza Bonniċi et v. Maria Dolores Mifsud*** et §§ 30 – 1.

[30] App. Ċiv. 20.6.1938 fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa v. Axiaq*** (Kollez. Vol: XXX.i.176).

[31] App. Ċiv. 24.4.1950 fil-kawża fl-ismijiet ***Vassallo et v. Sammut et noe***. (Kollez. Vol: XXXIV.i.108).

*żmien ta' l-att, ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' l-att*[32]*. Fit-tielet lok, (ċ) biex persuna tkun kapaċi tagħmel att, mhemmx il-ħtieġa li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha: jkun biżżejjed li l-persuna jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tippermettilha tkun taf x'inhi tagħmel. Fir-raba' lok, (d) biex jiġi stabbilit li persuna mhix f'sensiha, hemm il-ħtieġa li jirriżultaw indizji gravi*[33]*. Fil-ħames lok, (e) il-Qrati tagħna kienu kontra li jilqgħu talba biex jitħassar testment jekk ma jirriżultax b'mod ċert, minn fatti preċiżi u li ma jħallu ebda dubju, u ma jkunx ġie ppruvat li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna qiegħda tagħmel l-att*[34]*;*

*Illi rigward il-prova li hija meħtieġa li tinġieb minn min jixli n-nuqqas ta' kapaċità mentali f'testatur, jingħad li din taqa' fuq żewġ binarji: l-ewwel, irid jiġi ppruvat li t-testatur tabilħaqq kien ibati minn vizzju. It-tieni illi l-vizzju kien jissussisti fil-ħin tat-testment jew fi żmien l-aktar qrib ta' meta sar it-testment*[35]*;*

*Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, l-atturi jsejsu l-każ tagħhom fuq (i) ix-xhieda ta' diversi mill-atturi u terzi li jafu lit-testatur bħala persuna sempliċi. B'żieda ma' dan, (ii) jagħtu piż lid-dokumentazzjoni miżmuma mill-Isptar Mater Dei fejn t-testatur ġie identifikat li jbati minn dipressjoni, u aktar tard, meta ddaħħal l-isptar Sir Paul Boffa, kien disorjentat. Jisħqu ħafna (iii) fuq il-fatt li t-testment sar fid-dar ta' wieħed mill-werrieta maħtura fl-istess testment, u li ż-żewġ werrieta kienu preżenti taħt l-istess saqaf fil-mument meta sar it-testment u li x-xhieda li dehru fuq it-testment kienu magħrufa minn wieħed mill-werrieta. L-atturi (iv) iqanqlu dubji mill-eżattezza taċ-ċertifikat mediku tat-tabib Rizzo Naudi u jgħidu li ma ħa l-ebda qies tal-fatt li t-testatur kien ibati mid-dipressjoni. B'mod sinifikanti, l-atturi jimmiraw ukoll li jisiltu nisġa kronoloġika tal-aħħar żminijiet ta' ħajjet Carmelo Abela u taż-żmien meta sar it-testment minnhom attakkat*[36]*;*

*Illi l-imħarrkin, min-naħa l-oħra, jistrieħu fuq is-siwi taċ-ċertifikat tat-tabib Rizzo Naudi li jgħid li t-testatur "can still perform all his legal obligations, and perform his will. He is conscious of time, place and surroundings". Huma joqogħdu wkoll fuq il-fatt li meta ddaħħal l-Isptar Mater Dei, ftit tal-jiem biss qabel ma għamel it-testment, kien saf sewwa b'dak kollu li kien għaddej madwaru. Jistrieħu wkoll fuq ix-xhieda ta' numru ta' persuni li ġew f'kuntatt mat-testatur lejn l-aħħar snin ta' ħajtu u li jfissru kif, minkejja d-dipressjoni, it-testatur kien jgħix ħajja soċjali normali bħal ħaddieħor;*

---

[32] P.A. JZM 2.5.2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Busuttil et v. Joan Cortis*** (mhix appellata).

[33] Ara, b'eżempju, P.A. GV 16.12.2002 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Harmsworth et v. Gaetana Beżżina et*** (mhix appellata).

[34] P.A. GV 31.5.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Cristiano v. Raymond Portelli et*** (mhux appellata), u r-referenzi għas-sentenzi hemm imsemmija. Ara wkoll App Ċiv. 25.03.2011 fl-ismijiet ***Carmelina Busuttil v. Helen Portelli et.***

[35] P.A. 8.3.1952 fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et v. Giordano et (***Kollez. Vol: XXXIV.ii.404).

[36] Ara n-Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 909 sa 916 tal-proċess.

*Illi l-Qorti jidhrilha li għas-soluzzjoni tal-każ li tressaq quddiemha jixraq ħafna li tqis sewwa (i) ċ-ċertifikat tat-tabib Mario Rizzo Naudi li fuqu qagħad in-Nutar li ppubblika t-testment. Dan iċ-ċertifikat jistqarr li t-testatur kien kapaċi fil-ħin li ġie eżaminat biex jagħmel testment. Il-Qorti fliet ukoll ix-xhieda mogħtija mit-tabib innifsu, li kien għal bosta snin it-tabib kuranti personali tat-testatur[37]. Minn din ix-xhieda ħareġ ċar biżżejjed li, minkejja l-qagħda mwiegħra ta' Carmelo Abela dakinhar, kien jaf sewwa x'inhu għaddej madwaru u wieġeb għall-mistoqsijiet li, minn ħin għal ħin, l-imsemmi tabib kien qed jagħmillu;*

*Illi l-Qorti jidhrilha xieraq ukoll li tqis (ii) ix-xhieda tan-Nutar pubbliku li quddiemu sar it-testment[38]. Dan, bħala persuna indipendenti mill-partijiet u li ma kienx jafhom, fix-xhieda tiegħu jitfa' dawl siewi fuq l-għarfien tat-testatur ta' dak li kien irid jissemma fit-testment tiegħu. Huwa jixhed kif, meta ltaqa' mat-testatur, għalkemm sabu fis-sodda, minn jeddu qallu kif xtaq jiddisponi minn ġidu;*

*Illi l-Qorti tqis rilevanti wkoll (iii) ix-xhieda tal-uffiċjal pubbliku li quddiemu deher it-testatur fl-istess jum meta sar it-testment[39]. Dan l-uffiċjal pubbliku jgħid li t-testatur ffirma quddiemu meta ħatar lil wieħed mill-werrieta bħala prokuratur tiegħu;*

*Illi l-Qorti sabet rilevanti wkoll (iv) ix-xhieda tat-tobba li ġew f'kuntatt mat-testatur meta ddaħħal l-Isptar Mater Dei, jiem qabel ma t-testatur għamel it-testment. Huma jixhdu li, minkejja li kien magħdur, it-testatur kien f'qagħda li jikkomunika magħhom[40];*

*Illi għall-Qorti huwa rilevanti wkoll li, kif sewwa jeċċepixxu l-imħarrkin, t-testatur seta' jiddisponi kif jogħġbu minn ġidu għal wara ħajtu, minħabba li tal-proċess kien għażeb u ma kien hemm l-ebda ċirkostanza fil-liġi li torbtu li jrid iħalli ġidu jew xi biċċa minnu lil xiħadd partikolari;*

*Illi minħabba li wieħed mill-argumenti ewlenin tal-atturi huwa li t-testatur kien hekk milqut minn kundizzjoni mentali li ma setax ikun li jagħraf x'kien qiegħed jagħmel meta sar it-testment tiegħu, il-Qorti tqis li, b'żieda mal-kunsiderazzjonijiet li ntgħamlu qabel, irid jitqies ukoll jekk id-dispożizzjonijiet testamentarji kinux jixhdu xi taħwid fil-ħsieb. Jekk wieħed jara t-testment impunjat[41], wieħed isib li dan l-att huwa wieħed sempliċi għall-aħħar. Fih żewġ artikoli – it-tħassir ta' kull testment li seta' sar qabel, u l-ħatra tal-werrieta;*

*Illi huwa prinċipju aċċettat li "Fattur determinanti sabiex tiġi stabbilita s-sanità mentali tat-testatur hija r-raġjonevolezza tad-dispożizzjonijiet li*

---

[37] Xhieda tiegħu f'paġ. 81 – 5 tal-proċess.
[38] Ara x-xhieda tiegħu f'paġ. 45 – 7 tal-proċess.
[39] Ara x-xhieda ta' Martin Buħaġiar f'paġ. 879A sa 879E tal-proċess.
[40] Ara x-xhieda ta' Dr. Neville Aquilina u ta' Dr. Marquita Camilleri, f'paġ. 686 – 7 u 693 – 9.
[41] Ara d-Dok "JSR", f'paġ 42-4 tal-proċess (din hija kopja awtentikata mressqa min-Nutar u turi l-firem u dak kollu li nkiteb bl-idejn mill-istess Nutar, testatur u xhieda).

*jinsabu fit-testment. Huwa relevanti l-eżami tal-fatt jekk it-testment "e così fatto da non riscontrarsi in esso alcun segno di stoltezza" u jekk "l'atto porta i caratteri della saggezza". Għandhom ukoll relevanza qawwija id-depożizzjonijiet ta' nies professjonali, bħat-tabib kuranti tat-testatriċi u n-Nutar li kkonfezzjona t-testement, dwar l-istat u l-komportament tat-testatriċi fiż-żmien relevanti. "Sebbene non costituisce l'asserto del notaro che il disponente era sano di mente, da sè, la prova della capacità mentale del testatore, tuttavia le constatazioni del notaro ottenuto all'oggetto di accertarsi della capacità a testare del disponente forniscono un importante elemento di prova che, unito ad altri, può condurre ad un esatto giudizio sul problema da risolvere."*[42]*;*

*Illi dawn il-fatturi kollha jwasslu lill-Qorti ssib li, fil-każ li għandha quddiemha, ma ntweriex li t-testatur Carmelo Abela kien milqut minn stat ta' inkapaċità mentali dak il-ħin li kien qiegħed isir it-testment tiegħu;*

*Illi għalhekk, il-Qorti ssib li l-atturi ma seħħilhomx iwettqu l-grad ta' prova mistenni minnhom bil-liġi biex iwassluha ssib li t-testment li għamel it-testatur fl-4 ta' April, 2011, ma kienx jiswa għar-raġunijiet imsemmijin minnhom, u b'hekk mhijiex sejra tilqa' l-ewwel talba attriċi;*

*Illi dan ifisser ukoll li l-Qorti lanqas sejra tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet attriċi li huma konsegwenzjali għall-ewwel talba u marbuta sfiq magħha";*

8. Erbgħa mill-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-4 ta' Diċembru, 2018, fejn filwaqt li appellaw mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Awwissu, 2014, li permezz tiegħu ċaħdet it-talba għall-ħatra ta' espert kalligrafu; ressqu tliet aggravji għal dak li kienet is-sentenza tal-15 ta' Novembru, 2018.

9. Il-konvenuti wieġbu permezz tar-risposta tagħhom tas-27 ta' Diċembru, 2018 u taw ir-raġunijiet għala r-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud.

---

[42] P.A NC 5.10.2004 fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Farrugia v. Carmelo Farrugia et*** (mhux appellata).

10. Inżamm smigħ fit-8 ta' Ġunju, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Din hija azzjoni li permezz tagħha ntalab it-tħassir ta' testment pubbliku minħabba l-inkapaċità mentali tat-testatur.

12. Dan l-appell tressaq biss minn erbgħa mill-atturi appellanti, ċjoè Angelo Abela, Grazio *sive* Horace Abela, Emanuel Abela u Salvina Bonniċi.

13. L-ewwel u qabel kollox jeħtieġ li jiġi kkonsidrat l-appell mid-digriet tal-Ewwel Qorti tat-13 ta' Awwissu, 2014, liema digriet tressaq b'riħet l-**Artikolu 229(1)(g) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

14. L-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' t-talba tagħhom imressqa permezz tar-rikors tal-1 ta' Lulju, 2014 [*recte*: 4 ta' Lulju, 2014], fejn intalbet il-ħatra ta' espert kalligrafiku. Jgħidu li din iċ-ċaħda kkundizzjonat l-istampa aktar ċara li seta' kellha quddiemha l-Ewwel Qorti, li kienet żbaljata meta qieset li dan il-punt ma kienx rilevanti fl-ambitu tal-kapaċità mentali tat-testatur. Ikomplu jgħidu li din kienet prova

importanti u għalhekk filwaqt li talbu t-tħassir tad-digriet imsemmi, talbu lil din il-Qorti taħtar espert hija stess, sabiex jirrelata dwar il-firem ta' Carmelo Abela li huma fl-atti.

15. Min-naħa tagħhom, l-appellati wieġbu li d-digriet kien siewi. Barra minn hekk jgħidu, li anke kieku kellu jirriżulta illi l-firma ma kinitx ta' Carmelo Abela, dan il-fatt bl-ebda mod ma jgħin it-teżi attriċi, billi ma jitfa' ebda dawl fuq il-kapaċità mentali tat-testatur meta t-testment sar f'okkażjoni oħra.

16. Dak li ġara kien li permezz ta' rikors tal-4 ta' Lulju, 2014, l-atturi talbu lill-Ewwel Qorti taħtar espert kalligrafu, *«sabiex jeżamina u jikkompara l-firem li allegatament saru minn Carmelo Abela fuq it-testment tal-4 ta' April, 2011 (żewġ firem), il-prokura tal-4 ta' April, 2011 (firma waħda) u l-firem l-oħra in atti, fosthom dawk li jinsabu fuq ir-records mediċi ta' Carmelo Abela….»*

17. L-atturi sejsu din it-talba fuq ix-xhieda ta' Dr. Mario Rizzo Naudi, li f'xi ħin filgħodu, fil-ġurnata tal-4 ta' April, 2011, kien invista lil Carmelo Abela u sabu fis-sodda, bil-*catheter*, u baqa' l-ħin kollu fis-sodda. Filgħaxija mar in-Nutar La Rosa fir-residenza ta' Pawlu Abela. Ix-xhieda tat-testment stqarrew li Carmelo Abela baqa' fis-sodda. L-istess Pawlu Abela xehed li sakemm Carmelo Abela dam għandu ma ħariġx mid-dar.

Madankollu, fis-seduta tas-16 ta' Ottubru, 2013 George Abela nsista li l-prokura li Carmelo Abela allegatament għamel favurih fl-4 ta' April, 2011 ġiet iffirmata minn Carmelo Abela nnifsu, billi mar miegħu l-Uffiċċju Distrettwali tad-Dipartiment Soċjali fiż-Żejtun. L-atturi għalhekk għokrithom għajnejhom u sostnew ukoll li mad-daqqa ta' għajn seta' jidher li kien hemm diskrepanzi fil-firem fl-atti.

18. Min-naħa tagħhom, il-konvenuti appellati wieġbu billi rrilevaw li l-prokura mhux mertu tal-kawża ladarba l-azzjoni hija dwar it-tħassir ta' testment, iżda ħallew f'idejn il-Qorti.

19. L-Ewwel Qorti fid-digriet tagħha tat-13 ta' Awwissu, 2014 ċaħdet it-talba billi qieset, *«li fid-dawl tal-ħames paragrafu tar-rikors maħluf u tat-tieni talba attriċi, il-ħatra tal-espert mitluba ma hijiex meħtieġa għad-determinazzjoni tal-każ u billi l-Qorti ma tħossx li għandha żżid l-ispejjeż tal-kawża bla bżonn.»*

20. Ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-17 ta' Ottubru, 2008 fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ***Book Distributors (BDL) Limited v. Joseph Mary Meli*** li, *«Il-perizja kalligrafika, bħala bażata mhux fuq dak li wieħed ra jew sema', imma fuq il-comparatio literarum, magħmula sija pure minn tekniku, ma hija qatt prova diretta, imma indizjarja.»* Il-Qorti kompliet tifisser li:

> *"... Mhux kontestat illi, bħala prova indizjarja u sussidjarja, il-perizja kalligrafika għandha l-valur tagħha u tista' tikkonforta l-ġudikant fl-apprezzament ta' provi, jew ta' prinċipju ta' provi oħra". Ara "**Il-Pulizija -v. John Fenech**", Appell Kriminali, 28 ta' Ottubru, 1944. Dan il-ħsieb ġie ribadit fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-21 ta' April, 1961 in re: "**Rosario Briffa v. Geraldo Debono**" li ssoktat tgħid illi "l-perizja kalligrafika, anke meta tkun waħedha, ma jistax jingħad li għandha tkun skartata sic et sempliciter". Dejjem in tema hi valevoli wkoll ir-riflessjoni magħmula mill-Qorti tal-Appell, sede Ċivili, fid-deċiżjoni fl-ismijiet "**Lawrence Cachia Zammit et v. Carmelo Chetcuti**", 19 ta' Ġunju, 1950, fejn ingħad illi "jekk huwa minnu li ma tikkostitwixxix il-prova pjena, huwa wkoll veru li per se tista' tkun utli u tista' tikkonduċi, flimkien ma' provi oħra, għal riżultament li in konsegwenza tiegħu tista' tiġi deċiża l-kawża";"*

21. Hemm imbagħad aspett ieħor li jrid jiġi kkonsidrat, ċjoè li, *«hu ben not illi Qorti tal-Appell ma tidħolx fil-ġudizzju tal-ewwel Qorti ħlief f'każi eċċezzjonali dwar ir-rilevanza tal-provi. Għalħekk ħu mħolli għad-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti jekk għandhiex tinnomina Periti u x'inkariku tagħtihom, purkè jifformaw il-mertu tal-kawża (Kollez. Vol. XXIX P I p **466**)»* (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tat-30 ta' Mejju, 2007 fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bezzina et v. John Portelli et***).

22. Din il-Qorti ma tara xejn ħażin fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti. Anzi proprju l-kuntrarju. Dik il-Qorti kellha raġun tiċħad it-talba billi l-azzjoni mressqa hija msejsa fuq inkapaċità mentali u xejn aktar. Għalhekk dak li talbu l-atturi ma kienx se jkun ta' siwi għad-determinazzjoni tal-azzjoni. Fuq kollox huwa magħruf li l-Qorti hija marbuta bil-parametri tat-talbiet u ma tistax u ma għandhiex titbiegħed minnhom.

23. Għalhekk dan l-appell mid-digriet tat-13 ta' Awwissu, 2014 qiegħed jiġi miċħud.

24. Ngħaddu issa għall-aggravji tal-appellanti mressqa fir-rigward tas-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-15 ta' Novembru, 2018. Għalkemm fir-rikors tal-appell jingħad li hemm tliet aggravji, dawn jistgħu jitqiesu flimkien billi jirkbu fuq xulxin. Fi ftit kliem, dawn l-aggravji huma dwar l-għarbiel li l-Ewwel Qorti wettqet tal-provi u x-xhieda li kellha quddiemha, u li l-appellanti jsostnu li sar ħażin.

25. Qabelxejn, il-prinċipji ġenerali li għandhom imexxu lil din il-Qorti huma dawn li ġejjin.

26. L-**Artikolu 596(1) tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«Dawk kollha li mhumiex magħduda inkapaċi taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jistgħu jiddisponu jew jirċievu b'testment.»*

27. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Ġunju, 1884 fil-kawża fl-ismijiet ***Giuseppe Borg et v. Marianna moglie di Antonio Cini et*** qalet li, *«Attesocché, per la capacità di testare, è l'integritas mentis, non corporis, che si richiede, a meno che il vizio fisico non fosse tale da affettare sfavorevolmente l'intelligenza, perché nel resto, per quanto gravi possa essere l'infermità, se non altera le funzioni della intelligenza, se il malato*

*può comunicare il suo pensiero, è, per riguardo a volontà del testamento indifferenti che il testatore sopraviva allo stesso, o muoia dopo poche ore, anzi anche istantaneamente dopo il perfenzionamenti dello stesso; il diritto di testare, pel capace a farlo, non cessa che colla vita dello stesso.»* (L-Alfabett tal-Kodiċi Ċivili per **Imħallef Emeritus Dr. Philip Sciberras**, Volum E-J).

28. **L-Artikolu 597 tal-Kodiċi Ċivili** mbagħad jispeċifika min huwa inkapaċi li jiddisponi minn ġidu b'testment.

29. Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Frar, 2022 fil-kawża fl-ismijiet ***Peter Ellul et v. Angela Ellul et***, saret referenza għall-prinċipji li ġew stabbiliti mill-Qrati tagħna fil-każijiet ta' impunjazzjoni ta' atti testamentarji minħabba l-allegata inkapaċità mentali tat-testatur li ssemmew mill-Ewwel Qorti:

> *"i. Il-preżunzjoni "juris tantum" hija li t-testatur kellu l-kapaċità li jagħmel it-testment u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni li t-testatur ma kellux tali kapaċità trid tiġi pruvata b'mod xieraq;*
>
> *ii. Tkun inkapaċi milli tagħmel testment dik il-persuna li fiż-żmien tal-att ma tkunx f'sensiha, u l-inkapaċità għandha tiġi ppruvata minn min irid iwaqqa' t-testment;*
>
> *iii. Biex persuna tkun kapaċi tagħmel testment mhux neċessarju li tkun perfettament u rigorożament sana minn moħħha, iżda hu biżżejjed li jkollha l-użu tar-raġuni fi grad tali li tkun taf x'inhi tagħmel;*
>
> *iv. Biex jiġi stabbilit li l-persuna ma kinitx f'sensiha jridu jirriżultaw indizji gravi;*

*v. Biex jitħassar testment irid jirriżulta b'mod ċert u minn fatti preċiżi li ma jħallu l-ebda dubju li l-inkapaċità kienet teżisti fil-ħin li l-persuna kienet qed tagħmel l-att".*

30. Meqjusa dawn il-prinċipji, ngħaddu għall-aggravji tal-appellanti. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** jgħidu li l-Ewwel Qorti skartat il-qagħda ta' saħħa mentali tat-testatur matul ħajtu, li bla dubju kellha effett kbir fuq il-qagħda tiegħu fiż-żmien li sar it-testment, u ċ-ċertifikat mediku tat-Tabib Rizzo Naudi, li bis-saħħa tiegħu sar it-testment ma jista' qatt iħassar u jnessi dak kollu li ġara fis-snin ta' qabel. Jirreferu għall-kitbiet magħmula mit-tobba – waħda fit-13 ta' Marzu, 1981 u oħra fl-10 ta' Ottubru, 2007, fejn inkiteb li l-pazjent kien ibati minn ansjetà u dipressjoni kronika, li kien ibati minn problemi psikjatriċi u fin-notament tad-9 ta' Ottubru, 2007 tniżżel li kien diffiċli tifhem u tikkomunika mal-pazjent. Isostnu wkoll li l-Ewwel Qorti warrbet ix-xhieda ta' ħamsa mill-atturi, u kif ukoll ta' żewġ terzi persuni, li juru biċ-ċar kif l-istat mentali ta' Carmelo Abela matul ħajtu kien jaffettwalu l-komportament tiegħu, u mhux kien biss 'persuna sempliċi'. Dawn ix-xhieda, fi ftit kliem, qalu li l-mejjet kien bniedem mhux normali; qisu tifel ta' għaxar snin; li ma tistax iżżomm konversazzjoni miegħu; li kien jikkumidja u li n-nies kienu jiddieħku bih. Uħud sostnew li meta kien żgħir missieru kien jieħdu għand psikjatra ta' spiss. Filwaqt li jgħarrfu li huwa minnu li l-kapaċità jew nuqqas tagħha trid titqies fiż-żmien li sar it-testment, iżda jinsistu li l-kundizzjoni mentali u l-aġir tal-persuna matul ħajtu ma jistgħux jitwarrbu għaliex jidher ċar li l-qagħda tat-testatur kompliet tmur lura sal-mewt tiegħu nkluż b'mard terminali.

31. Fit-**<u>tieni aggravju</u>**, l-appellanti komplew li bla ħsara għall-ewwel aggravju, u minkejja n-nuqqas ta' qbil tagħhom, huma jaslu jifhmu r-raġunament tal-Ewwel Qorti li tistrieħ fuq ix-xhieda tat-tabib Rizzo Naudi, tan-Nutar, tal-uffiċjal tas-Sigurtà Soċjali u tat-tobba tal-isptarijiet. Biss però huma ma jaqblux mal-konklużjonijiet misluta mill-Ewwel Qorti ta' dawn ix-xhieda. Ibda biex dwar it-tabib Rizzo Naudi jgħidu li huwa mexa fuq il-protokoll tas-soltu u mhux għaliex ftakar x'għamel f'dan il-każ partikolari mill-memorja. Barra minn dan, ix-xhieda tat-tabib Rizzo Naudi u ċ-ċertifikat rilaxxat minnu, li kien fundamentali sabiex isir it-testment, iridu jitqiesu wkoll fil-kuntest li jinjoraw għalkollox il-problema tas-saħħa mentali ta' Carmelo Abela. Iżidu li ċ-ċertifikat inħareġ minn tabib tal-familja u mhux minn psikjatra. Skonthom jidher li sar b'mod mgħaġġel u sar fuq talba tal-appellat Paul Abela li kellu kull interess fit-testment u li dak iż-żmien kien laqa' lil Carmelo Abela f'daru.

32. L-appellanti jsostnu li l-Ewwel Qorti ftit tat importanza għall-fatt li n-Nutar straħ esklussivament fuq iċ-ċertifikat mediku tat-tabib Rizzo Naudi. Tant li t-testment ma kienx jagħmlu mingħajr ċertifikat. Għalkemm in-Nutar xehed li jiftakar li lit-testatur sabu fis-sodda u t-testment sar fis-sodda, il-mistoqsijiet li semma fix-xhieda tiegħu huma x'jistaqsi s-soltu u mhux għaliex ftakar mill-memorja x'għamel f'dan il-każ. Skont in-Nutar Smith La Rosa, Carmelo Abela qallu li ried iħalli kollox lill-konvenuti

appellati. Jgħidu li mill-vera kopja tal-oriġinal tat-testment mill-atti, jirriżulta li kien abbozz ta' testment bażiku mħejji minn qabel, fejn imtlew biss bl-idejn id-dettalji tat-testatur u tal-eredi. Il-konvenuti jgħidu li l-partikolaritajiet tat-testatur u ta' Paul Abela u n-numri tal-karta tal-identità ngħataw lin-Nutar mill-konvenuti stess.

33. Magħdud ma' dan, l-appellanti jgħidu li l-Ewwel Qorti kkonsidrat li saret il-firma fuq il-prokura minn Carmelo Abela għal fuq George Abela quddiem uffiċjal pubbliku Martin Buhagiar, mentri din saret fil-preżenza ta' Richard Vella. B'hekk l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tistrieħ fuq ix-xhieda ta' Martin Buhagiar u fuq kollox kien impossibbli li dakinhar Carmelo Abela attenda personalment fl-uffiċċju tas-Sigurtà Soċjali meta skont ix-xhieda l-oħra kollha kien rikoverat fis-sodda, anke meta mar in-Nutar biex isir it-testment. Anke l-istess Paul Abela kkonferma li Carmelo Abela ħareġ mid-dar tiegħu biss biex jittieħed l-Isptar Mater Dei.

34. Dwar ix-xhieda tat-tobba tal-isptar jgħidu li x-xhieda ta' Dr. Neville Aquilina, li ħa ħsieb lit-testatur fl-Isptar Boffa, ikkonferma li Carmelo Abela ma kienx konxju ta' dak li kien qiegħed jiġri madwaru u jirreferu għan-notamenti tal-istess tabib.

35. Imbagħad, fit-**<u>tielet aggravju</u>** l-appellanti jsostnu li bil-maqlub ta' dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti mill-provi rriżulta li t-testatur ma kienx

f'sensih fil-ħin tat-testment. Jgħidu li mill-*casualty sheet* tal-21 ta' Marzu, 2011, meta Carmelo Abela ddaħħal l-Isptar Mater Dei, kien hemm miktub li jbati minn dipressjoni u li kien diġà qiegħed ibati min-nuqqas ta' memorja. Ikomplu li qaribhom ħareġ mill-isptar fit-30 ta' Marzu, 2011 u mar jgħix għand Paul Abela. Saru l-arranġamenti kollha biex fl-4 ta' April, 2011 isir it-testment fir-residenza stess. It-testatur iddaħħal l-Isptar Boffa fit-12 ta' April, 2011 fejn miet fit-23 ta' April, 2011. Uħud mill-atturi xehdu li meta marru jarawh fl-Isptar Boffa kien mitluf minn sensih, filwaqt li rreferew għan-notamenti ta' Dr. Neville Aquilina, li saru fl-14 ta' April, 2011 u fid-19 ta' April, 2011, minn fejn jirriżulta li Carmelo Abela kien diżorjentat u beda jmur għall-agħar kull jum li jgħaddi sakemm ma baqax jikkomunika.

36. L-atturi appellati laqgħu għall-aggravji tal-appellanti billi wieġbu li: (i) l-fatt li Carmelo Abela kien ibati minn ansjetà u dipressjoni kronika u kif ukoll ix-xhieda ta' terzi li qalu li ma kienx normali mhumiex biżżejjed biex jgħelbu l-presunzjoni ta' kapaċità mentali; (ii) li l-provi li saret referenza għalihom fl-ewwel aggravju la huma preċiżi u lanqas speċifiċi għall-mument meta sar it-testment. Dawn jitkellmu dwar il-ħajja tat-testatur in ġenerali u tant huma vagi li bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala provi biżżejjed biex imeru ċertifikat mediku kkonfermat bil-ġurament. Dwar it-tieni aggravju jsostnu li la jagħmel sens u lanqas jirrifletti l-verità, anke għaliex it-Tabib Rizzo Naudi kien it-tabib kuranti ta' Carmelo Abela bejn

ħames u tmien snin. Min-naħa l-oħra Richard Vella kien ċar meta xehed. Hekk kif ukoll hija ċara x-xhieda ta' Dr. Marquita Camilleri. Dwar l-aħħar aggravju jgħidu li t-testment sar qabel ma ddaħħal l-Isptar Boffa.

37. Din il-Qorti fliet u għarblet il-provi u d-dokumenti mill-ġdid. Bit-tħaddim tal-prinċipji fuq imsemmija u dak li tipprovdi l-liġi, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fir-raġunament u l-għarbiel tal-provi li wettqet l-Ewwel Qorti.

38. Fir-rikors tal-appell, l-appellanti għażlu li jkunu ferm selettivi meta ġew biex jikkwotaw jew jinterpretaw xhieda mogħtija u fejn irreferew għan-notamenti ta' wħud mit-tobba li b'xi mod ħabtu ma' Carmelo Abela, waqt li kien qiegħed jiġi kkurat. Huma ppruvaw jagħtu stampa li Carmelo Abela kien bniedem tant sempliċi, li kien ikun imwaqqa' għaż-żufjett min-nies għaliex kien jikkummidja u li kien persuna li bilkemm tista' żżomm konversazzjoni miegħu. Uħud minnhom sostnew li meta kien żgħir kien jittieħed minn missieru għand psikjatra ta' spiss u kif ukoll insistew li kien ilu snin ibati minn dipressjoni akuta.

39. Mill-provi però rriżulta li Carmelo Abela kien għażeb li kien ilu jgħix waħdu 'l fuq minn tletin sena. Kien jaħdem bħala għassies qabel ma rtira biż-żmien. Jidher li waħdu kien ikampa. Fl-aħħar mill-aħħar ħafna mill-atturi ftit li xejn kienu jarawh u ma kinux qrib tiegħu. Min-naħa l-oħra,

almenu lejn l-aħħar snin ta' ħajtu, il-konvenuti kienu aktar preżenti f'ħajtu u viċin tiegħu.

40. Fi kwalunkwe każ, hemm qbil fil-ġurisprudenza dwar dak li l-liġi tagħna titlob għall-kapaċità mentali sabiex persuna tiddisponi minn ħwejjiġha wara mewtha permezz ta' testment pubbliku. Riċentement din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Lulju, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Grace Magrin pro et noe v. Rita Sammut*** tenniet li:

> *"Huwa prinċipju mill-aktar bażiku li l-kapaċità ta' persuna li tagħmel testment hija meqjusa bħala r-regola, filwaqt li l-inkapaċità hija meqjusa bħala l-eċċezzjoni (Ara fost ħafna oħrajn, is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta'* **Anton Ellul et. v. Maria Busuttil et***. deċiża fit-18 ta' Lulju, 2017, (Ċit. Nru. 792/2002/1AE)). Minn din il-preżunzjoni jitnissel imbagħad prinċipju ieħor li min jattakka s-siwi ta' testment minħabba inkapaċità fil-menti tat-testatur, dan għandu jipprova l-inkapaċità tat-testatur fil-mument tat-testment (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet* **Victoria Galea v. Mary Casingena et.** *deċiża fit-23 ta' Novembru, 2020, (799/2006/1SM)) u "m'għandux wieħed jipprezumi l-inkapaċità minħabba li xi żmien qabel jew wara tali mument kien hemm okkażjonijiet meta t-testatur ma kellux għarfien ta' dak li qed jagħmel" (Estratt meħud mis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet ta'* **Lorenza Bonnici et v. Maria Dolores Mifsud***, deċiża fit-2 ta' Marzu, 2018, (App. Ċiv. 1118/2005/1AE))".*

41. Jinżel minn dan li l-Ewwel Qorti għamlet sew meta tat piż lix-xhieda tat-tobba u tan-Nutar. Irriżulta mhux kontestat li t-Tabib Rizzo Naudi kien ilu t-tabib tat-testatur għal bosta snin qabel mewtu. Huwa xehed b'mod dettaljat u fisser minn xiex kien ibati Carmelo Abela u x'sablu dakinhar tal-4 ta' April, 2011, meta barra li ħareġ iċ-ċertifikat li Carmelo Abela kien kapaċi jagħmel testment, invistah ukoll. Fisser li waqt li kien qiegħed jinvista lil Carmelo Abela beda jistaqsih bosta mistoqsijiet skont il-

protokoll li huwa soltu kien juża f'ċirkostanzi bħal dawk. Fil-fehma ta' din il-Qorti kwalunkwe kummenti min-naħa tal-atturi dwar il-protokoll użat mit-tabib huma superfluwi. Dan ma kienx tabib li ma kienx jaf lill-pazjent, anzi proprju bil-maqlub. Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tiddubita la x-xhieda tat-tabib u wisq anqas m'għandha quddiemha provi sabiex twarrab iċ-ċertifikat maħruġ minnu.

42. Fuq kollox, ix-xhieda u ċ-ċertifikat tat-Tabib Rizzo Naudi huma msaħħa min-notamenti tat-tobba fil-fajl mediku ta' Carmelo Abela u mix-xhieda ta' Dr. Marquita Camilleri. Meta Carmelo Abela ddaħħal l-Isptar Mater Dei, insibu notament magħmul proprju fil-21 ta' Marzu, 2011, ċjoè: *"A 73-year old man... – who was found on the ground but alert.....patient claims that he tried to sit down and fell ....denies head injury".* Jumejn wara hemm rapport ta' *social worker*[43] minn fejn jirriżulta li bilfors kien hemm konversazzjoni ma' Carmelo Abela, li jingħad fir-rapport li wara li joħroġ mill-isptar xtaq imur id-dar wara li jirkupra. Irrifjuta li jimla l-formola biex jidħol f'dar tal-anzjani u anke li jkollu għajnuna d-dar billi huwa kien ilaħħaq waħdu.

43. Min-notament mill-fajl mediku jirriżulta li Carmelo Abela sar dipendenti minħabba l-mard fiżiku, ċjoè l-kanċer aggressiv li kellu.

[43] *A tergo* paġna 165 tal-proċess.

44. Dr. Marquita Camilleri, waħda mit-tobba ż-żgħar taħt Profs Andrew Borg, rat lil Carmelo Abela mill-21 ta' Marzu, 2011 sat-30 ta' Marzu, 2011 meta ntbagħat lura d-dar. Hija xehdet[44] li huwa kien *"alert and oriented".* Deċiżjoni seta' jeħodha. Hija qalet *"qabel ma ġie discharged stajt inkellmu bħal ma jien qed inkellem lilek."…. "Biex tajtu l-karti biss biss".* F'seduta oħra[45] xehdet illi li kieku l-pazjent ma kellux fakoltà mentali sabiex jirraġuna u jieħu ċertu deċiżjonijiet kienu jirreferuh għand psikjatra. Dwar id-dipressjoni fissret li din hija diżordni psikjatrika komuni ħafna, tant li persuna minn erbgħa f'Malta tbati minn dipressjoni. Hija fissret li la hija kitbet li kienu jiddiskutu miegħu, kienu jkellmuh kull filgħodu u kitbet ukoll li kien qal li ma xtaqx jgħix ġewwa dar tal-anzjani. Dan kollu huwa sinjal li kellimha għaliex kieku ma kienet tistaqsih xejn. Temmet ix-xhieda tagħha li Carmelo Abela seta' jikkomunika b'mod li wieħed seta' joqgħod fuqu.

45. Dr. Neville Aquilina ra lil Carmelo Abela wara li daħal l-Isptar Boffa. Fit-12 ta' April, 2011 kiteb notament li l-pazjent kien iddaħħal l-Isptar Mater Dei wara li nstab: *"in a state of unresponsiveness".* L-appellanti saħqu fuq dan in-notament, iżda dak li ma qalux kien li dan it-tabib ma kienx ra lill-pazjent huwa iżda huwa ovvju li kienet konklużjoni tiegħu min-notamenti li ra. Mill-banda l-oħra, fl-14 ta' April, 2011 jirriżulta li Carmelo Abela kien *"still not oriented to time, place and person".*

---

[44] Fis-seduta tal-20 ta' April, 2012.
[45] Tat-8 ta' April, 2013.

46. In-Nutar Smith La Rosa[46] xehed li preżenti għat-testment kien hemm Carmelo Abela u x-xhieda. Paul Abela ma baqax fil-kamra. It-testatur kien fis-sodda però kien jaf x'inhu jgħid. Staqsih mistoqsijiet sempliċi u wieġbu. Id-dettalji tiegħu tahomlu huwa stess. Staqsih lil min irid iħalli ġidu u wieġbu li lil George u Paul Abela. Qralu t-testment u fehmu.

47. Dwar il-prokura ffirmata fl-istess data li sar it-testment ma tressqitx prova li Richard Vella ma xehedx is-sewwa.

48. Punt ieħor li tajjeb li jrid jiġi kkonsidrat huwa r-raġonevolezza tad-dispożizzjonijiet kontenuti fit-testment, li hija waħda mill-kriterji li għandhom iwasslu lill-ġudikant biex jiddeċiedi dwar l-insanità mentali jew le tat-testatur, jiġifieri biex jiddeċiedi jekk fil-waqt li kien qiegħed jagħmel it-testment, it-testatur kellux kuxjenza biżżejjed ta' dak li kien qiegħed jagħmel u volontà li jiddetta dawk id-dispożizzjonijiet li hemm fit-testment. It-testment tal-4 ta' April, 2011 magħmul minn Carmelo Abela huwa wieħed mill-aktar sempliċi.

49. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, tqis li għandha tagħti piż lil dawn ix-xhieda indipendenti mill-partijiet u tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, ċjoè li Carmelo Abela ma kienx milqut minn stat ta'

[46] Seduta tas-7 ta' Marzu, 2012.

inkapaċità mentali fil-waqt li kien qiegħed isir it-testment tiegħu.

50. Il-fatt li ġimgħa wara li sar it-testment iddaħħal l-Isptar Boffa, fejn miet ftit jiem wara, ma jfissirx li meta sar it-testment ma kellux il-kapaċità li jagħmlu jew li kellu xi pressjoni sabiex jagħmlu, kif allegat fir-rikors maħluf iżda li ma jidhirx li l-appellanti saħqu wisq fuq dan il-punt. Mill-provi rriżulta li Carmelo Abela kellu kanċer aggressiv li laħaq infirex. B'hekk kull jum beda jmur għall-agħar, inkluż li ma baqax konxju ta' dak li kien qiegħed jiġri madwaru meħud ukoll il-konsum ta' mediċini qawwija biex itaffu l-uġigħ. Sfiq ma' dan, il-fatt li t-testatur kien ilu snin ibati minn dipressjoni u jieħu l-mediċini għaliha ma jfissirx lanqas li ma kienx kapaċi jagħmel testment. Bl-argument tal-appellanti, ladarba hawn persentaġġ tal-popolazzjoni Maltija li tbati minn xi forma ta' dipressjoni, eluf ta' persuni m'għandhomx il-kapaċità li jagħmlu testment! Żgur li mhux il-każ. Bla dubju kull każ irid jiġi eżaminat għalih.

51. Ta' riljev huwa dak li tenna l-Imhallef M. Caruana Curran li f'kazijiet ta' din ix-xorta, *«Ċertament għandha taħrab kwalunkwe prekonċett, sia li min hu xiħ mhux kapaċi, sia li kull min hu marid mhux f'sensih. Jekk qatt għandu jkun hemm xi prekonċett, jekk dana huwa l-vokabolu korrett, dan huwa biss il-preżunzjoni tal-kapaċità, salva l-prova kuntrarja li però għandha tkun, kif fuq intqal, rigoruża[47].»*

[47] ***Joseph Bonavia et v. Giovanni Bonavia et***, deciza fl-24 ta' April 1950, Vol XXXIV.I.108.

52. Fuq kollox ix-xhieda ta' Dr. Marquita Camilleri sserraħ moħħ din il-Qorti li l-verżjoni tal-appellati tqarreb l-aktar lejn il-verità. Fl-aħħar ta' Marzu, 2011 Carmelo Abela kien għadu jikkomunika tajjeb u kien jaf x'qiegħed jiġri madwaru u jifhem min ikellmu. It-tabib Rizzo Naudi u n-Nutar ukoll kienu ċari u konsistenti fix-xhieda tagħhom. Inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell[48] fl-ismijiet ***Joseph Galea pro et noe v. Maria Camilleri*** li, *«nutar huwa uffiċċjal pubbliku u li in diżimpenn tal-professjoni tiegħu huwa ma jieħux il-patroċinju jew interess ta' xi parti fil-konfront ta' interessi ta' ħaddieħor.»*

53. Għalhekk l-aggravji tal-appellanti se jiġu miċħuda.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell ta' Angelo Abela, Grazio *sive* Horace Abela, Emanuel Abela u Salvina Bonniċi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
rm

[48] Deċiża fl-1 ta' Lulju, 1965.